Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/3027

10.12.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/3027

## tad-19 ta' Novembru 2024

## li taħtar żewġ membri u ħames membri supplenti, proposti mir-Repubblika Portugiża, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Portugiż,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fl-20 ta' Jannar 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/102 ([2]), li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025. Fit-12 ta' April 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2022/666 ([3]) li taħtar żewġ membri u ħames membri supplenti, proposti mir-Repubblika Portugiża, fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(3) Konsegwentement għar-riżenji tas-Sa Isilda Maria Prazeres DOS SANTOS VARGES GOMES u tas-Sur Hélder António GUERRA DE SOUSA SILVA saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Konsegwentement għal tmiem il-mandati nazzjonali li abbażi tagħhom ġew proposti għall-ħatra s-Sa Anabela GASPAR DE FREITAS, is-Sur Luís Carlos PITEIRA DIAS u s-Sur Carlos SILVA SANTIAGO saru vakanti s-siġġijiet ta' tliet membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(5) Konsegwentement għall-ħatra tas-Sur Vítor Manuel MARTINS GUERREIRO u s-Sur Carlos André TELES PAULO DE CARVALHO bħala membri tal-Kumitat tar-Reġjuni, ser isiru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri supplenti.

(6) Il-Gvern Portugiż ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità lokali bħala membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025: Is-Sur Vítor Manuel MARTINS GUERREIRO, *Presidente, Câmara Municipal de São Brás de Alportel* (Sindku, tal-Muniċipalità ta' S. Brâs de Alportel) u s-Sur Carlos André TELES PAULO DE CARVALHO, *Presidente, Câmara Municipal de Tabuaço* (Sindku, tal-Muniċipalità ta' Tabuaço).

(7) Il-Gvern Portugiż ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità lokali bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025: Is-Sur João Maria Aranha GRILO, *Presidente, Câmara Municipal do Alandroal* (Sindku, tal-Muniċipalità ta' Alandroal), is-Sa Cristina Lasalete CARDOSO VIEIRA, *Presidente, Câmara Municipal do Marco de Canaveses* (Sindku, tal-Muniċipalità ta' Marco de Canaveses), is-Sur Hugo Manuel DOS SANTOS MARTINS, *Presidente, Câmara Municipal de Odivelas* (Sindku, tal-Muniċipalità ta' Odivelas), is-Sur José Manuel GONÇALVES, *Presidente, Câmara Municipal do Peso da Régua* (Sindku, tal-Muniċipalità ta' Peso da Régua), u s-Sur Rogério David SÁDIO DA SILVA, *Presidente, Câmara Municipal de Fronteira* (Sindku, tal-Muniċipalità ta' Fronteira),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025:

---

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13 (ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/852/oj).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/102 tal-20 ta' Jannar 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 20, 24.1.2020, p. 2, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2020/102/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/666 tat-12 ta' April 2022 li taħtar żewġ membri u ħames membri supplenti, proposti mir-Repubblika Portugiża, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 121, 22.4.2022, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2022/666/oj).

(a) bħala membri:

— Is-Sur Vítor Manuel MARTINS GUERREIRO, *Presidente, Câmara Municipal de São Brás de Alportel* (Sindku, tal-Muniċipalità ta' S. Brâs de Alportel),

— Is-Sur Carlos André TELES PAULO DE CARVALHO, *Presidente, Câmara Municipal de Tabuaço* (Sindku, tal-Muniċipalità ta' Tabuaço),

u

(b) bħala membri supplenti:

— Is-Sur João Maria Aranha GRILO, *Presidente, Câmara Municipal do Alandroal* (Sindku, tal-Muniċipalità ta' Alandroal),

— Is-Sa Cristina Lasalete CARDOSO VIEIRA, *Presidente, Câmara Municipal do Marco de Canaveses* (Sindku, tal-Muniċipalità ta' Marco de Canaveses),

— Is-Sur Hugo Manuel DOS SANTOS MARTINS, *Presidente, Câmara Municipal de Odivelas* (Sindku, tal-Muniċipalità ta' Odivelas),

— Is-Sur José Manuel GONÇALVES, *Presidente, Câmara Municipal do Peso da Régua* (Sindku, tal-Muniċipalità ta' Peso da Régua),

— Is-Sur Rogério David SÁDIO DA SILVA, *Presidente, Câmara Municipal de Fronteira* (Sindku, tal-Muniċipalità ta' Fronteira).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Novembru 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

BÓKA J.